MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2013

Mandat Numru. 173/2013/1

**Dorianne Sammut**

**vs**

**Carmelo sive Charles Sammut**

**INIB Nru: 173/2013/LSO**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat fl-24 ta’ Lulju 2013.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Lulju 2013 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta’ Awwissu 2013 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’erbat ijiem ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tallum it-22 ta’ Awwissu 2013 fejn meta issejjah ir-rikors dehru l-partijiet assistiti minn Dr. Sharon Mizzi ghar-rikorrenti u Dr. Edward Debono ghall-

intimat. Id-difensuri prezenti trattaw ir-rikors. Il-partijiet qablu li l-Mandat ta’ Inbizzjoni odjern Nru 173/2013/LSO ma jolqotx il-vetturi u l-oggetti mmobbli li jappartejnu lil Charlie Auto Dealer Ltd.

Il-Qorti semghet it-tratazzjoni tal-partijiet.

Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

**Ikkunsidrat**

Li r-rikorrenti qed titlob il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni a tenur tal-Artikolu 876(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex l-intimati jigu inibiti milli jbieghu, jnehhu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod jaggravaw jew jghabbu b’dejn jew jikkrejaw drittijiet reali jew personali fuq il-beni immobbli deskritti fir-rikors.

Li l-partijiet Dorianne u Carmelo Sammut huma mizzewgin u qeghdin fi process ta’ separazzjoni personali;

Li l-intimat Carmelo Sammut huwa l-uniku azzjonist u direttur tas-socjetajiet intimati Charlie Properties Limited (C 31940) u Charlie Auto Dealer Ltd (C31941) u;

Illi l-mandat odjern hu intiz biex jolqot l-assi immobbli tas-socjetajiet kummercjali fejn wiehed mill-mizzewgin huwa azzjonist tal-maggoranza tal-ishma u f’dan il-kaz, peress li l-intimat Carmelo Sammut huwa l-uniku azzjonist, b’hekk il-mandat jissodisfa l-elementi rikjest mill-legislatur.

**Ikkonsidrat** li l-intimat jallega li l-beni immobbli deskritti fir-rikors ma jappartjenux fl-intier taghhom lis-socjetajiet intimati izda jappartjenu biss *in parte* in kwantu li s-socjetajiet intimati huma komproprjetarji *pro indiviso* ta’ dawn il-beni immobbli izda ma ressaqx provi f’dan ir-rigward.

**Ikkonsidrat** li l-intimat ghandu thassib li dan il mandat ser jolqot ukoll il vetturi u assi mobbli li jappartjenu lis-socjetajiet intimati u b’hekk gie verbalizzat bejn il-partijiet

ghal kull bwon fini li l-mandat odjern ma jolqotx dawn l-assi mobbli.

**Id-Dritt**

Premess li l-ghan ta’ talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Billi l-ligi jehtieg li r-rikorrenti jissodisfa zewg kriterji biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat ta' Inibizzjoni:-

L-ewwel kriterju li jrid jissodisfa hu li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu r-rikorrent ser isofri pregudizzju;

It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat.

Applikati dawn il-principji l-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ssodisfatt l-elementi rikjesti ghall-hrug tal-mandat odjern.

Illi l-ismha fis-socjetajiet imsemmija gew akkwistati waqt iz-zwieg bejn il-kontendenti u jifformaw parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti, bhala partecipi f’dawn l-assi, ghandha d-dritt *prima facie* li titlob il-hrug tal-Mandat odjern sabiex jigu kkawtelati l-jeddijiet taghha fl-eventwali likwidazzjoni tal-assi.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' it-talba tar-rikorrenti u tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati fuq l-assi <u>immobbli</u> deskritti fir-rikors ghall-hrug tal-mandat odjern.

L-ispejjez tal-Mandat jigu ssopportati mill-intimati.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------